# IL-VARA TA' SANTA VENERA

Il-vara ta' Santa Venera ilha madwar 68 sena fil-Parroċċa tagħna. Din tħalset mis-Sur Thomas Dalli jew Majsi kif jafuh in-nies tar-raħal; L-iskultur li ħadem din l-istatwa għadu misteru sal-lum minħabba li jeżistu ħafna polemiki min kien li għamilha. Fi tfuliti kont nisma lil Majsi jsostni li din il-vara ħadimha il-magħruf Karlu Darmanin iżda meta tqabbel id-data tal-mewt ta' dan l-iskultur issib li dan miet qabel il-vara waslet fir-raħal (1909 - 1919) forsi l-vara kienet miżmuma x'mkien qabel ittieħdet fil-Knisja Parrokkjali.

Issa li għadda ż-żmien il-vara sarilha xi restawr. Kien wara l-festa tal-1984 meta l-vara kienet qeda tiddaħħal fin-niċċa meta inħasset il-ħtieġa flimkien mal-Kumitat tal-festa daħlu għax-xogħol; instab restawratur li kien għamel xogħol ta' restawr fuq vari oħrajn fostom dik ta' Santu Wistin tal-Belt Valletta u fuq pittura oħra. Dan kien is-Sur Manwel Zammit miż-Żejtun li fis-6 ta' Marzu ħa il-Vara għandu u beda x-xogħol eċċellenti ta' restawr u komopla sebbaħ il-majestożita' ta' din il-vara. Kif jgħid il-Malti ħaġa taqla oħra, wara lix-xogħol ta' restawr kien lest inħasset il-ħtiġa li l-kuruna, il-palma u d-dijadema kellom jinbidlu, l-qodma kienu saru minn Joe Coleiro tal-Belt, illum dawn jintlibsu fuq il-vara meta din tkun fin-niċċa l-ġodda saru minn Tarċisju Cassar miż-Żejtun u inħadmu f'fidda mastiż. Fil-festa tal-1985 il-vara ħarġet restawrata fit-toroq tagħna u qalat kliem ta' tifħir minn kull min ra.

Għall-festa tas-sena 1986 ix-xogħol fuq l-induratura tal-Pedestal li minnu nnifsu opra ta' arti. Dan il-pedestal kien inġib mill-Bażilika tal-Karmnu tal-Belt u kien jintuża għal vara ta' Bejatu Franka. Ix-xogħol beda mis-Sur M. Zerefa (St. Venera) li għamel ix-xogħol ta' tiswija tal-injam filwaqt li s-Sur H. Camilleri (Ħal-Luqa) għamel ix-xogħol ta' tiswija tal-injam filwaqt li s-Sur P. Magro (Furjana) ma' dan ix-xogħol ġew indurati l-erbgħa tazzi tal-fjuretti. Dan kollu kien lest għal-festa tal-1986. Dak inhar tal-festa meta il-vara daħlet fil-knisja fost l-għajjat tad-devoti ta' Santa Venera il-Kappillan Fr. J. Falzon ħabbar li kienu ser jinħaddmu erbgħa fjuretti ġodda u girland. Dawn saru għand is-Sinjura Grace Sciberras (Qrendi) u din is-sena kulħadd jista' jammira il-ġmiel tal-vara titulata ta' Santa Venera V.M. bis-sbuħija tagħha kollha u taraw kif veru din hija t-TEŻOR tal-knisja tagħna.

VIVA SANTA VENERA TAGĦNA U TAGĦNA BISS.

*Mario Coliero.*
*Kaxxir Kumitat Festa Santa Venera.*

*****************************************